MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 43/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Vassallo**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Carmelo Vassallo talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2011, Frar 2011, Marzu 2011, April 2011 u Mejju 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Miriam Brown u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carmelo Vassallo ħati u kkundannatu xahar priġunerija[1];

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Vassallo ppreżentat fis-27 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u, mingħajr preġudizzju, f'każ li ssib il-ħtija fl-appellant tagħti piena aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa qatt ma rrifjuta li jagħti l-manteniment in kwistjoni imma ried li jsir arranġament biex mill-€500 dovuti martu troddlu l-€450 li kien silifha meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni u bihom ħallset lill-avukat. Inoltre martu kellha u għad għandha l-fakulta` li titlob lill-*employer* ta' l-appellant jgħaddilha l-manteniment direttament mill-paga, anke tramite l-avukat tagħha. L-appellant jgħid ukoll illi l-manteniment m'għadux aktar dovut għax binhom Marlon issa qiegħed jaħdem; (2) li l-piena hi eċċessiva meta jitqies li l-appellant għandu fedina penali nadifa u din kienet l-ewwel darba li tressaq il-Qorti b'imputazzjoni simili. L-appellant jgħid illi huwa fl-interess ta' martu stess li jibqa' jaħdem u mhux jiġi inkarċerat. Inoltre għandu ċerti kundizzjonijiet psikoloġiċi u anke kellu jiġi rikoverat l-Isptar Monte Carmeli għal xi żmien. L-inkarċerazzjoni u t-telf ta' l-impjieg jistgħu jikkontribwixxu biex il-kundizzjoni mentali li kellu terga' titfaċċa.

[1] Fis-sentenza dattilografata l-piena ġiet erronejament indikata bħala "ġimgħa detenzjoni".

**6.** Issa, mill-provi jirriżulta illi l-appellant u martu għamlu kuntratt ta' separazzjoni fit-13 ta' April 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall. Skond il-klawżola numru tmienja (8) l-appellant obbliga ruħu a favur martu li jħallas għall-minuri Marlon Vassallo l-ammont ta' €100 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri. Miriam Brown, mart l-appellant, xehdet illi bdiet tirċievi l-manteniment minn Mejju 2012 u għall-perijodu ta' qabel (jiġifieri mid-data tal-kuntratt sa April 2012) ma ħadet xejn.

**7.** Issa, permezz ta' dawn il-proċeduri l-appellant qiegħed jiġi akkużat li ma ħallasx il-manteniment għall-ħames xhur minn Jannar 2011 sa Mejju 2011. Huwa jsostni illi kien hemm ftehim ma' martu illi troddlu lura s-somma ta' €450 li kien ghaddhielha sabiex tħallas lill-avukat tagħha in konnessjoni mal-proċeduri ta' separazzjoni. Jekk, bħalma jsostni l-appellant fir-rikors ta' appell tiegħu, dan kien l-ewwel darba li tressaq il-Qorti akkużat li naqas iħallas il-manteniment, ifisser illi martu ma kinitx irrapportat in-nuqqas ta' ħlas għall-perijodu mid-data tal-kuntratt sa Diċembru 2010, perijodu ta' tmien xhur u nofs u li għalihom l-appellant suppost ħallas is-somma komplessiva ta' €850. Jiġifieri jekk verament kellha troddlu dawl l-€450, altru milli raddithom. Konsegwentement din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li s-somma ta' €500 għall-ħames xhur minn Jannar 2011 sa Mejju 2011 hija dovuta.

**8.** Din il-Qorti nnutat illi mart l-appellant, permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni, kellha kull mezz possibbli biex tipperċepixxi l-manteniment dovut lilha, u dan peress illi l-appellant ta l-kunsens tiegħu biex il-manteniment jitnaqqas mill-paga tiegħu u, jekk ma jkunx qiegħed jaħdem, mill-benefiċċji soċjali tiegħu. Hija ma ħaditx il-passi meħtieġa biex tagħmel dan. Barra minn dan jidher illi minn Mejju 2012 l-appellant ħallas il-manteniment regolarment, apparti li jidher illi issa il-manteniment m'ghadux dovut stante li t-tifel qiegħed jaħdem. Għalhekk din il-Qorti sejra timmodera l-piena u fl-istess ħin tagħmel ordni għall-ħlas tas-somma ta' €500 sabiex tipproteġi l-interessi tal-*parte civile*.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Carmelo Vassallo għal xahar priġunerija (għal kull bwon fini, u sabiex jiġi evitat kull malintiż, b’referenza għas-sentenza dattilografata, tirrevoka wkoll il-piena hemm indikata) u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 24(1) ta’ l-imsemmi Kap. 446, tordna lill-ħati jħallas lil martu Miriam Brown is-somma ta’ ħames mitt euro (€500) għat-telfien tal-manteniment għall-ħames xhur minn Jannar 2011 sa Mejju 2011. Din il-Qorti, a tenur ta’ l-artikolu 22(3) ta’ l-istess Kap. 446, fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------